Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,235, 11 ta' April, 2014

Taqsima B

A.L. 127 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Pharmacy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Pharmacy, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Pharmacy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 66 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-24 ta' Jannar, 2014 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (d) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (ċ) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(d) il-grad ta' Master of Dental Surgery mogħti minn Lulju 2018 'il quddiem; jew "

4. Il-paragrafu (d) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (e).